MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 157/2009

Erika Borg (Id. 244685M).

Vs

Personnel Resources Limited (C-18694).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba mija u erba u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06), rapprezentanti danni nkorsi mill-attrici bhala konsegwenza tan-negligenza u traskuragni tas-socjeta' konvenuta fl-ezercizzju tal-process ta' 'recruitment' ta' l-attrici sabiex tahdem ma socjeta' estera fuq 'cruiseliner' li fil-fatt irrizultaw inezistenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, kontra s-

socjeta’ konvenuta, li d-diretturi taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet 1. illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta’ konvenuta dejjem agixxiet in buona fede u bir-reqqa u m’ghandhiex tinsab responsabbli ghal frodi pperpetwat minn terzi; 2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kwantum tad-danni reklamati mill-attrici huwa ezagerat; 3. salv eccezzjonijiet ulterjuri.  Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra l-affidavit ta’ l-attrici Erika Borg.

Ra l-affidavit ta’ Paul Attard Baldacchino prodott mill-attrici.

Ra l-affidavit ta’ David Cuschieri prodott mill-attrici.

Ra l-affidavit ta’ Gabriel Cortis prodott mill-attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Lisa Camilleri prodotta mill-attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ David Cuschieri in kontro ezami.

Ra l-affidavit ta’ Patricia Tabone prodotta mis-socjeta’ konvenuta.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attrici Erika Borg in kontro ezami.

Sema’ x-xhieda ta’ Paul Attard Baldacchino in kontro ezami.

Sema’ x-xhieda ta’ Gabriel Cortis in kontro ezami.

Sema’ x-xhieda ta’ Patricia Tabone in kontro ezami.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni finali ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi estensivi li ngabbru f'din il-kawza, il-fatti fil-qosor hafna jirrizultaw li huma s-segwenti.

Illi l-attrici kienet rat riklam fuq 'The Sunday Times' li sar mis-socjeta' konvenuta ghal xoghol ('posts') fuq cruiseliner. Illi s-socjeta' konvenuta toffri servizzi ta' 'recruitment'. L-attrici kienet fil-fatt applikat ghall-pozizzjoni ta' 'Assistant Shore Excursion Manager' u wara li kienet applikat kienet giet msejjha ghal interview ma Patricia Tabone li hija direttrici tas-socjeta' konvenuta, gewwa l-ufficcju tas-socjeta' konvenuta fil-Belt. Waqt l-interview gew diskussi diversi kwistjonijiet relatati mal-offerta ghall-pozizzjoni tax-xoghol u wara ftit granet, l-attrici giet mgharrfa illi l-pozizzjoni ta' 'Assisant Shore Excursion Manager' abbord tal-vapur 'M.V. Neptune 1' kien gie offert lilha ghal erba xhur u bil-paga ta' €2,800 fix-xahar.

L-attrici ghalhekk avzat lil Patricia Tabone li kienet qieghda taccetta din l-offerta u minn hemm saru diversi arrangamenti sabiex l-attrici titlaq minn Malta u tibda tahdem fuq il-vapur. Fil-fatt kellha tixtri xi uniformi u anki vjagg bl-ajru minn Malta sa Napli peress illi l-vapur kellu jitlaq minn Napli.

L-attrici spjegat illi Patricia Tabone kienet infurmatha li kellha thallas ukoll ghal xi 'maritime certificates' u li dawn kellha bzonnhom sabiex titla fuq il-vapur. Hija avzatha li meta tasal Napli kellha tiltaqa ma certu Kaptan Rudi Joss li kien ser jippreparahom ghal dan il-kors fir-regoli marittimi.

Fil-qosor l-attrici flimkien ma seba Maltin ohra li lkoll kienu applikaw u nghataw pozizzjoni mal-cruisliner in kwistjoni tramite s-socjeta' konvenuta, marru Napli u minn hemm 'l quddiem sfaw vittmi ta' frodi organizzata u ghaddew min esperjenza pjuttost kera.

Fl-ewwel lok fuq struzzjonijiet ta’ Patricia Tabone stess, meta wasslu Napli marru fil-hotel li kien gie prenotat ghalihom, izda milli jidher dan kien izjed burdell milli hotel, u s-seba li huma kien pjuttost imbezzghin hemm gew. L-ghada mbaghad, ezattament kif kienet qaltilhom Patricia Tabone, tfacca l-kaptan Rudi Joss (jew almenu xi hadd jippoza ta’ dan), u ghamlilhom interview iehor. Dan imbaghad taghhom ic-certifikati marittimi li kellhom bzonn sabiex jitilghu fuq il-vapur, u talabhom sitt mitt ewro (€600) l-wiehed, minnflok sitt mija u hamsa u tmenin ewro kif kienet qaltilhom Patricia Tabone, u dana ghax skond hu kien qieghed itihom skont. Il-Kaptan Joss avzhom li l-kors kien ser ikollu jsir fuq il-vapur minhabba li ma kienx hemm cans li jsir dak il-hin.

Wara dan, il-Kaptan Rudi Joss infurmhom li l-vapur ma kienx ser jitlaq minn Napli izda minn Toulon u ghalhekk xtara l-biljetti tat-trenn sabiex jaslu hemm u fil-fatt huma bdew il-vjagg taghhom sa Toulon. Dan kien vjagg twil hafna u meta wasslu Toulon skoprew li ma kien hemm l-ebda vapur hemm u li l-vapur li suppost kellhom jahdmu fuqu lanqas biss kien jezisti! Ghalhekk avzaw lil Patricia Tabone b’dan kollu u hi qaltilhom sabiex jaghmlu rapport fl-ghassa tal-pulizija ta’ Toulon. Wara ghamlu l-arrangamenti kollha sabiex jergghu jirritornaw lura Malta.

Meta wasslu Malta l-attrici u shabha ltaqghu ma Patricia Tabone u wrew id-disappunt taghhom ghal dak li kien gara u ghall-hela ta’ flus li kienu nefqu. Huma staqsew ezattament x’kienet ivverifikat Patricia Tabone qabel ma baghtithom fuq dan il-vjagg, u hi irrispondiet li kienet ghamlet il-verifiki kollha necessarji li kellha taghmel bhala ‘recruitment agency’. Hija ddispjaciha ghal dak li kien gralhom, u qaltilhom li alavolja ma kenitx obligata taghmel hekk bil-ligi kienet lesta li taghmel tajjeb ghall-ispejjes li wehhlu. Dan kollu gie ripetut kull darba minn kull xhud li sfa vittma ta’ dan il-frodi u li xehed f’din il-kawza.

Patricia Tabone minn-naha taghha spjegat kif kienet ivverifikat l-affarijiet li kellha tivverifika mas-socjeta’ estera li kienet qed toffri dan ix-xoghol, u spjegat illi matul il-

gimghat li ghamlet diversi komunikazzjonijiet maghhom ma dahlilha l-ebda suspett li din kienet messa in xena destinata biss sabiex jigu defrawdati n-nies. Hi qalet ukoll li kienet ghamlet xi verifiki ma nies ohrajn li kienet ilha taf fil-mestjer taghha, u li kollox kien jidher sew. Meta sarilha l-kontro ezami pero, jidher li kien hemm xi ftit cirkostanzi li ma kienux daqshekk cari izda hi xorta wahda ma kenitx tat hafna importanza ghalihom peress illi skond hi fl-ahhar mill-ahhar kienet inghatat spjegazzjoni ghalihom. Skond hi kemm l-attrici u shabha kif ukoll is-socjeta' konvenuta sfaw vittmi ta' din il-frodi.

Illi tenut kont tal-provi kollha tal-kaz in ezami dan it-Tribunal jidhirlu li ma hemmx dubbju li l-attrici minghajr ebda tort da parti taghha sfat vittma ta' frodi kommess fuqha u fuq shabha, u li ma kien hemm l-ebda mod kif dan seta jigi evitat minn naha taghha.

Illi d-difiza principali tas-socjeta' konvenuta hija dik li Patricia Tabone kienet avzat lill-attrici li kellha taghmel ezami zghir sabiex tinghata c-certifikati mehtiega sabiex titla fuq il-vapur, u kellha thallas direttament lill-Maritime Institute ghac-certifikati li kellhom jinhargu. Is-socjeta' konvenuta tiddefendi ruhha billi tghid illi gjaladarba l-attrici u shabha ma obdewx l-istruzzjonijiet ta' Patricia Tabone f'dan is-sens, allura s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tkun responsabbli ghal dak li gara, u li minn dak il-mument 'l quddiem l-attrici kienet responsabbli ghall-ghazliet taghha.

Illi dan l-argument bl-ebda mod ma jreggi skond it-Tribunal ghaliex wara kollox Patricia Tabone kienet tat struzzjonijiet cari li kien ser jigi certu Kaptan Rudi Joss sabiex jiehu hsieb kollox u jara li jasslu fuq il-vapur, u meta dan Joss fil-fatt wasal u biddel ftit il-pjanijiet, dan ma kellux iwassal lill-attrici u shabha sabiex ma jobdux dak li kien qed jghidilhom, jew sabiex jahsbu hazin f'dak li kien qed jigri. Huwa minnu li l-attrici u shabha forsi kienu daqsxejn 'naïve' fl-attegjament taghhom, pero dan xorta wahda ma jwassalx ghall-konkluzzjoni li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tibqa responsabbli ghal dak li gara. Sa dak il-punt kollox deher normali u se mai deher

biss li l-pjanijiet kienu nbiddlu ftit. Wara kollox Joss hareg ic-certifikati li kienu jidru genwini u l-attrici ma kellha l-ebda raguni li ma taccetthomx u thallas taghhom. Mbaghad huwa car li l-attrici u shabha kienu qedin jigu defrawdati minn persuni ovvjament esperti fil-materja, u l-frodi kien organizzat ghall-ahhar, u ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux jippretendi li l-attrici u shabha jindunaw x'qed jigri u jipprotestaw.

Illi t-Tribunal jidhirlu li fl-ahhar mill-ahhar kellha tkun ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta li taghmel il-verifiki kollha mehtiega sabiex tara li kienet qed tinnegozja ma kumpanija serja u awtorizzata sabiex taghmel dan. Kienet is-socjeta' konvenuta li ghamlet ir-riklam fuq il-gazzetta, u li hadet hsieb l-arrangamenti kollha tal-interviews, kuntratti ta' xoghol, termini tal-kuntratti u anki pjanijiet ghall-vjagg li kellu jsir. Kienet is-socjeta' konvenuta li kellha kuntatt mas-socjeta' estera mill-bidu sa l-ahhar ghaliex l-attrici u shabha qatt ma kellhom kuntatt dirett.

Illi bhala 'recruitment agency' is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu li la dahlet ghal din il-bicca xoghol li ssib impieg ghall-attrici, tassikura li l-prestazzjoni taghha issir utilment u tajba. Fin-nuqqas, din bilfors ghandha tkun responsabbli ghad-danni. Is-socjeta' konvenuta kellha rabta kummercjali mal-attrici u shabha, fis-sens li kienet qed tippresta servizz partikolari fis-sens li ssib impieg ghall-attrici. L-izjed haga ovvja kellha tkun li tara u tivverifika li qed tinnegozja ma kumpanija li hija serja u verament tezisti. Kien hemm diversi fatturi li messhom wasslu lill-Patricia Tabone sabiex tara li kien hemm certi nuqqasijiet da parti tas-socjeta' estera li ma kienux ghal kollox konvincenti. Dawn pero ghazlet u tinjorhom alavolja skond hi kellha esperjenza vasta f'dan is-settur. Kien l-obbligu assolut tas-socjeta' konvenuta li taghmel il-'due diligence' mehtieg fuq dik is-socjeta' li maghha kienet qed tikkomunika u tagixxi ta' agent. Dan ma sarx ghal kollox u ghalhekk is-socjeta' konvenuta tibqa dejjem responsabbli versu l-attrici ghan-nuqqasijiet taghha.

Illi mhuwiex kwistjoni jekk is-socjeta' konvenuta agixxiet in buona fede jew le, ghaliex hawnhekk hadd mhu qed

jakkuza s-socjeta’ konvenuta illi b’xi mod kienet involuta fil-frodi. L-ewwel nett is-socjeta’ konvenuta kellha kull obbligu li tagixxi in buona fede, u l-fatt li ghamlet hekk ma jezonerahiex mill-obbligi u dmirijiet taghha. Illi dan kollu donnha kienet tafu Patricia Tabone ghaliex mill-ewwel accettat li kellha obbligu morali versu l-vittmi tal-frodi, u anki offriet li thallsilhom l-ispejjes. Ghal xi raguni l-ispejjes fil-kaz tal-attrici ma thallsux u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi tenut kont ta’ dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta ghandha tigi dikjarata responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici u ghandha tirrimborsa l-attrici ghal dak kollu li hallset bhala spejjes konnessi mal-vjagg li sar fil-vojt. F’dan il-kaz pero, it-Tribunal josserva li l-attrici qed titlob minghand is-socjeta’ attrici danni li jmorru oltre l-ispejjes li nefqet minhabba l-vjagg inutili li sar, ghaliex qed titlob ukoll il-‘loss of income’ bejn l-24 ta’ Novembru 2008 sat-22 ta’ Jannar 2009 fl-ammont ta’ €2117.98.

It-Tribunal jidhirlu li dan l-ammont ta’ €2117.98 bhala ‘loss of income’ ma jistax jintalab in linea ta’ danni mill-attrici minghand is-socjeta’ konvenuta f’dan il-kaz ghaliex kienet l-ghazla tal-attrici biss li titlaq mill-impieg li kellha u tmur tipprova tahdem band’ohra. Is-socjeta’ konvenuta f’dan il-kaz tista’ tkun responsabbli biss ghal dawk l-ispejjes li saru fir-rigward tal-vjagg inutili li sar u xejn izjed.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u jilqa t-talba attrici limitatament fl-ammont ta’ €1393.27, u b’hekk jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ elf, tlett mija u tlieta u disghin ewro u seba u ghoxrin centezmu (€1393.27) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------